



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

L-Akkwisti Pubbliċi fl-Unjoni Ewropea

**Gwida għall-
Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti
(CPV)**

**Din il-gwida m'għandhiex valur legali u mhux neċessarjament
tirrappreżenta l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni**

Gwida għall-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti

Werrej:

- 1. Introduzzjoni**
- 2. L-Għanijiet tas-CPV**
- 3. Marsa ġenerali storika**
- 4. Il-Qafas legali**
- 5. L-Istruttura tas-CPV**
 - 5.1. Il-Vokabolarju ewlieni tas-CPV**
 - 5.2. Il-Vokabolarju supplimentari**
- 6. Is-CPV fil-prattika**
 - 6.1. Fejn issibu**
 - 6.2. Kif tagħżel il-kodiċi**
 - 6.3. Kif fil-prattika tista' ssib il-kodiċijiet**
 - 6.4. Diversi eżempji**
- 7. Ir-relazzjoni ma' nomenklaturi oħrajn**
 - 7.1. Tabella ta' Korrispondenza CPV 2003 CPV 2008**
 - 7.2. Tabella ta' Korrispondenza CPV 2008 –CPC Proviżorja**
- 8. Konklużjonijiet**
Anness 1: Id-Diviżjonijiet tas-CPV 2006
Anness 2: Id-Diviżjonijiet tal-Vokabolarju Supplimentari
Anness 3
Anness 4

1. Introduzzjoni

Sabiex tappoġġa Suq Waħdieni effettiv, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-fornituri u lill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti sabiex jadottaw l-aħjar prattika u sabiex jużaw teknoloġija tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni elettronika biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha u jiżguraw l-aħjar valur għall-flus fl-akkwisti pubbliċi.

Sabiex l-akkwisti pubbliċi jsiru aktar trasparenti u effiċjenti, fl-1993 il-Kummissjoni abbozzat il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti (CPV).

2. L-Għanijiet tas-CPV

L-għan tas-CPV huwa li jistandardizza, permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni unika għall-akkwisti pubbliċi, it-termini li jintużaw mill-awtoritajiet u mill-entitajiet kontraenti biex jiddeskrivu ssuġġett tal-kuntratti, billi joffri għodda xierqa lill-utenti potenzjali (l-entitajiet/awtoritajiet kontraenti, il-kandidati jew l-offerenti fil-proċeduri tal-ghotxi tal-kuntratti).

L-użu ta' kodiċijiet standard jagħmilha eħfet sabiex jiġu implementati r-regoli tar-reklamar u jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni, b'hekk:

- iżid it-trasparenza fl-akkwisti pubbliċi;
- jagħmilha eħfet li jiġu identifikati opportunitajiet ta' negozju ppubblikati fis-suppliment għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
- jagħmilha possibbi li tiġi stabbilita sistema ta' informazzjoni għall-akkwisti pubbliċi u li jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji meta jiġu tradotti l-avviżi, peress li s-CPV huwa tradott fit-22 lingwa uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej;
- jissimplifika x-xogħol tal-abbozzar ta' avviżi, partikolarmen meta tiġi deskritta l-materja tas-suġġett tal-kuntratti, għall-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti;

- jissimplifika l-abbozzar ta' statistika dwar l-akkwisti pubbliċi, peress li s-CPV huwa kumpatibbli mal-monitors tal-kummerċ li jintużaw fid-dinja kollha (speċjalment dawk użati min-Nazzjonijiet Uniti);

3. Ħarsa ġenerali storika

Is-CPV imur lura għal diversi nomenklaturi internazzjonali li kienu jintużaw sabiex jiġu kklassifikati l-prodotti (f'din il-Gwida, il-kelma 'prodott' tirreferi kemm għal oġġetti kif ukoll servizzi): il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti (CPC), il-Klassifikazzjoni tal-Istandard Industrijali Internazzjonali (ISIC) u l-Klassifikazzjoni tal-Prodotti skont l-Attività (CPA).


Il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodott hija nomenklatura internazzjonali żviluppata min-Nazzjonijiet Uniti sabiex tissorvelja l-kummerċ dinji. L-għan ewljeni tagħha huwa li tipprovd qafas ġenerali għall-paraguni ta' statistika internazzjonali li għandha x'taqsam ma' oġġetti, servizzi u proprjetà, filwaqt li sservi wkoll bħala gwida għal sistemi oħra ta' klassifikazzjoni.

Il-Klassifikazzjoni tal-Istandard Industrijali Internazzjonali hija nomenklatura li n-Nazzjonijiet Uniti ppromwoviet sabiex tikklassifika l-attività ekonomika. Il-kontroparti Ewropea tagħha hija l-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Attivitajiet Ekonomiċi (NACE), li ġiet ippublikata għall-ewwel darba f'Ottubru 1990 (NACE Rev.1). Għalkemm in-NACE Rev.1 kienet ibbażata fuq l-ISIC Rev.3, din kienet aktar dettaljata għall-preżentazzjoni u għas-sorveljanza tal-ekonomi Ewropej.

Dawn iż-żewġ klassifikazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-bażi li fuqha nbniet is-CPA. Is-CPA ġiet żviluppata bħala sistema ta' kodiċi ta' sitt ċifri, relatata direttament mal-istruttura tal-klassifikazzjoni tan-NACE Rev. 1 (l-ewwel erba' ċifri huma identiċi), sabiex tipprovd klassifikazzjoni ta' prodotti għall-Ewropa, li hija aktar adattata għall-ħtiġijiet Ewropej. Il-verżjoni finali tas-CPA saret f'Awwissu 1992 u l-

kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet ġew ipprovduti b'kontroreferenzi mas-CPC u mas-Sistema Armonizzata (HS).

Is-CPV: harsa ġenerali storika



Filwaqt li l-avviżi mhumiex intenzjonati li jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet sħaħ tar-rekwiżiti, u jeħtieġ biss li jkunu preċiżi biżżejjed għall-fornitur potenzjali sabiex jiddeċiedi jekk hux vallapena li jistaqsi għall-ispeċifikazzjonijiet, kienet ħaġa ovvja li s-CPA ma kienx dettaljat biżżejjed għall-finijiet tal-akkwisti pubbliċi (pereżempju, żewġ kodiċijiet biss kienu jkopru l-kompjuters kollha li huma disponibbli fis-suq).

Kull darba li xerrej kien jiġi kkuntattjat minn diversi fornituri li ma setgħux jissodisfaw il-ħtiġijiet tiegħu, kien hemm ħela ta' żmien kif ukoll ta' flus minn dawk kollha kkonċernati. Kien ċar li f'diversi oqsma s-CPA ma kienx dettaljat biżżejjed sabiex jipprovdi deskrizzjonijiet adegwati dwar il-prodotti, ix-xogħliljet u s-servizzi li l-organizzazzjonijiet kienu interessati fihom.

Li tiġi ristrutturata kompletament il-klassifikazzjoni dehret li kienet l-unika għażla sabiex jissolvew dawn id-diffikulatjiet.

Minkejja d-defiċjenzi tiegħu, is-CPA intgħażel bħala l-bażi għall-klassifikazzjoni l-ġdida ta' referenza għall-akkwisti pubbliċi, għaliex fuq livell Ewropew dan kien konsistenti u adattat tajjeb għall-istruttura industrijali tal-Komunità Ewropea. Madankollu, l-istruttura tiegħu kienet aktar orjentata lejn il-fornitur milli lejn ix-xerrej, u kien meħtieġ ippjanar shiħi mill-ġdid tas-CPA sabiex ikun hemm aktar attenzzjoni fuq il-proċess tal-akkwisti.

Il-kummenti u l-kontribuzzjonijiet ġew ikkunsidrati f'sistema ġdida ta' kodiċijiet li ntużat għall-ewwel darba fl-1993, il-Verżjoni 1 tal-Vokabolarju tal-Akkwisti tal-Komunità (CPV). Il-parti numerika tal-kodiċijiet ġiet estiża b'żewġ ċifri oħra sabiex dawn jiffurmaw kodiċijiet bi tmien ċifri. Ġiet ukoll abbozzata lista addizzjonali ta' kodiċijiet supplimentari sabiex l-utenti jkunu jistgħu jiddu aktar informazzjoni mal-kodiċijiet ewlenin. Dan il-proċess wassal għal-sistema ta' klassifikazzjoni aktar adattata u faċli biex tużaha.

It-tieni verżjoni tan-nomenklatura ġiet ippubblikata f'Ġunju 1994. Il-bidliet kienu kemm formali kif ukoll sostantivi. L-isem inbidel għal Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti, xorta CPV fil-qosor.

Waħda mill-bidliet sostantivi kienet li tiżdied ċifra tal-verifikasi, sabiex jiġu evitati żbalji tal-ittajpjjar. Iċ-ċifra tal-verifikasi ġiet isseparata mill-ewwel tmien ċifri permezz ta' hyphen. Saru emendi oħra bħala riżultat tal-konsultazzjonijiet li nżammu mar-rappreżentanti tal-Gvernijiet, mal-Grupp ta' Ħidma tas-CPA, maċ-Ċentri Ewro-Informazzjoni, mal-fornituri u max-xerrejja.

L-istruttura tal-kodiċi fornuta mis-CPV kienet, għalhekk, kif ġejja:

Diviżjoni	35000000-4	Tagħmir tat-trasport ieħor
Grupp	35100000-5	Bastimenti u dgħajjes

Klassi	35110000-8	Bastimenti
Kategorija	35112000-2	Bastimenti u inġenji simili għat-trasport tal-persuni jew tal-merkanċija
Sub-kategorija	35112100-3	Bastimenti tal-kruċiera, laneċ u inġenji simili, maħsuba primarjament għat-trasport tal-persuni
	35112110-6	Laneċ
	35112180-7	Dgħajjes tal-kruċieri u tal-ġiti m.k.b.
	35112200-4	Tankers

Din hija l-istruttura għall-oġġetti; is-servizzi ġew ikklassifikati f'żewġ modi differenti. Is-servizzi relatati ma' prodott tal-industrija ġew ikkodifikati bil-li ntużaw il-kodiċijiet tal-prodott filwaqt li ngħataw in-numru tal-'kategorija' 9.

Pereżempju, l-installazzjoni tal-kompjuters kienet ikklassifikata mal-kodiċijiet tal-prodott għall-apparat tal-ipproċessar tal-informazzjoni, kif ġej,

Pereżempju:

30029000	Servizzi ta' installazzjoni tal-komputers u ta' apparat ieħor tal-ipproċessar tal-informazzjoni.
----------	--

Is-servizzi li mhumiex relatati ma' prodott kienu kkodifikati f'diviżjoni separata skont in-natura tas-servizz ipprovvdut,

Pereżempju:

60000000	Trasport bl-art u trasport permezz ta' servizzi ta' pajpijet
...	...
60200000	Servizzi oħra ta' trasport bl-art
60210000	Servizzi oħra ta' trasport ta' passiġġieri bl-art skedat
60211000	Trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija urban u suburban
60211010	Trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija urban u suburban, li fil-parti l-kbira jkun 'il fuq mill-wiċċ tal-art
60211020	Trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija urban u suburban, li fil-parti l-kbira jkun taħt il-wiċċ tal-art

Mill-1993 'il quddiem, il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti għadda minn diversi reviżjonijiet, l-aktar bejn I-1996 u I-1998; I-1998 u I-2001; u fl-aħħar bejn I-2004 u I-2007.

L-aktar emendi importanti li ġew introdotti bis-CPV 1998 kienu dawn li ġejjin:

- L-istruttura tal-kodiċi ġiet emendata sabiex ikun hemm konsistenza akbar kif ukoll titjib fl-omoġeneitā: il-kodiċijiet kollha kienu disponibbli bl-istess struttura, skont kemm il-kodiċi jkun speċifiku (aktar ma l-kodiċi jkollu żerojiet aktar ikun wieħed ġenerali).
- Il-kodiċijiet tas-servizzi u tal-prodotti ġew isseparati.
- Diversi kodiċijiet ġew imħassra jew ittrasferiti filwaqt li nħolqu oħrajn ġodda. Dawn l-emendi affettaw kemm il-Vokabolarju Ewlieni kif ukoll il-Vokabolarju Supplimentari baqa' kif kien. Fil-verżjoni 1998 is-CPV kelli madwar 8200 kodiċi; ir-

kien jikkonsisti f'madwar 6000 kodiċi; matul ir-reviżjoni tiegħu ġew imħassra madwar 2500 kodiċi u żiddu madwar 5000 oħra. Is-CPV 1998 kelli madwar 8200 kodiċi.

- Inħolqot diviżjoni ġidida, id-diviżjoni 50: 'Servizzi ta' tiswija, manutenzjoni u installazzjoni'. Diviżjoni waħda tħassret, id-diviżjoni 51: 'Kummerċ bl-imnut u servizzi ta' kummerċ intermedjarji, eskuži il-vetturi bil-magna u l-muturi'.
- Diviżjonijiet oħra ġew imtejba, partikolarmen id-diviżjoni 24: 'Sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi u fibri magħmulin mill-bniedem', id-diviżjoni 33: 'Apparat mediku u tal-laboratorji, apparat ottiku u ta' preċiżjoni, arloġġi, farmaċewtiċi u provvisti mediċi relatati', u d-diviżjoni 52: 'servizzi ta' kummerċ bl-imnut'.

Il-verżjoni tas-CPV 1998 bdiet tintuża mill-1 ta' Jannar 1999.

Bejn I-1998 u I-2001 is-CPV kien rivedut għal darb'oħra fid-dawl tal-prattika u l-esperjenza. L-aġġornament kien ibbażat l-aktar fuq issuġġerimenti u l-kummenti li saru mill-utenti diretti tas-CPV. Lemendi proposti kieno soġġetti għal konsultazzjoni wiesgħa mal-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri kollha, mal-kumitat konsultattivi (CCMP, CCO), mal-organizzazzjonijiet professjonal rilevanti, mal-intermedjarji (iċ-Ċentri Ewro-Informazzjoni) u mal-fornituri tas-servizzi. Barra minn hekk, saret konsultazzjoni pubblika fi 11-il lingwa uffiċjali permezz tas-sit tal-internet tas-SIMAP (<http://simap.europa.eu>).

L-aktar bidliet importanti mqabbla mal-verżjoni tas-CPV 98 kienu li ġejjin:

- Diversi kodiċijiet tħassru jew ġew ittrasferiti filwaqt li nħolqu oħrajn ġodda. Dawn l-emendi affettaw biss il-Vokabolarju Ewlieni, filwaqt li l-Vokabolarju Supplimentari baqa' kif kien. Fil-verżjoni 1998 is-CPV kelli madwar 8200 kodiċi; ir-

- reviżjoni introduċiet madwar 700 bidla, li wasslet għal verżjoni riveduta ta' madwar 8300 kodiċi.
- Żdiedu kodiċijiet ġodda filwaqt li diversi deskrizzjonijiet ta' kodiċi ġew emendati sabiex jirriflettu l-iżviluppi fis-suq u l-ħtiġijiet tal-utenti tas-CPV.
- Ċerti diviżjonijiet tjiebu, partikolarmen id-diviżjonijiet 66 'Servizzi ta' assigurazzjoni u finanzjament ta' pensjonijiet, ħlief is-servizzi tas-sigurtà soċċali obbligatorja u servizzi relatati mal-assigurazzjoni', 67 'Servizzi awżiljarji għall-intermedjazzjoni finanzjarja' u 64 'Sevizzi postali u ta' telekomunikazzjoni'.
- Diversi kodiċijiet ġew imċaqalqa jew imħassra mis-CPV sabiex jirriflettu l-ambitu tad-Direttivi tal-Akkwisti Pubbliċi (u partikolarmen id-distinzjoni bejn is-servizzi tal-Anness IA u s-servizzi tal-Anness IB fid-Direttiva dwar is-Servizzi Pubbliċi), ladarba l-erba' nomenklaturi, is-CPA, in-NACE, is-CPC (Verżjoni Provviżorja), u n-Nomenklatura Magħquda, ġew mibdula bis-CPV (ara t-Taqsima 4, 'il-Qafas legali').
- Id-Diviżjoni 71 'Servizzi ta' kiri ta' magni u apparat u ta' oġġetti personali u tad-dar' kienet imħassra. Il-kodiċijiet assoċjati mal-kiri ta' magni b'operatur ġew ittrasferiti lejn id-diviżjonijiet li jkopru s-servizz speċifiku mwettaq mill-operatur. Il-kodiċijiet li kienu assoċjati mal-kiri jew ta' makkinarju mingħajr operatur jew ta' oġġetti personali u tad-dar tneħħew, u l-utent beda jirreferi għall-kodiċijiet elenkti fid-diviżjonijiet 01-41 (ara n-noti ta' spiegazzjoni tas-CPV 2001).
- Id-Diviżjoni 50 'Servizzi ta' tiswija, manutenzjoni u installazzjoni' kienet riveduta sabiex tiċċara d-distinzjoni bejn is-servizzi u x-xogħol ta' kostruzzjoni taħt id-Direttivi dwar l-Akkwisti Pubbliċi.

Bejn l-2004 u l-2007, is-CPV kien rivedut sabiex jibdel l-istruttura l-qadima bbażata fuq il-materjali għal waħda bbażata fuq it-tip tal-prodott.

Diversi kodiċijiet tħassru jew ġew ittrasferiti filwaqt li nħolqu oħrajn ġodda. Dawn l-emendi affettaw il-Vokabolarju Ewleni u l-Vokabolarju Supplimentari. Il-verżjoni l-ġidha tas-CPV fiha 9454 kodiċi; matul ir-reviżjoni nħolqu 3590 kodiċi ġdid jew deskrizzjonijiet ġodda, 4935 kodiċi tħassru u 2462 deskrizzjoni tħassru. Bidlet jew żjediet kbar seħħew, pereżempju, fil-qasam tal-akkwisti tad-difiża, provvisti mediċi, tagħmir tal-isport u strumenti mużikali.

Saru erba' tipi ta' emendi:

1. Żdiedu kodiċijiet ġodda filwaqt li diversi deskrizzjonijiet tal-kodiċijiet ġew emendati sabiex jirriflettu l-iżviluppi fis-suq u l-ħtiġijiet tal-utenti tas-CPV.
2. Kienet introdotta struttura ġidha, ibbażata fuq it-tip tal-prodott flok fuq il-materjali. L-istruttura tal-Vokabolarju Supplementari nbidlet ukoll.
3. Is-servizzi tas-softwer u tal-pakketti tas-softwer inqasmu f'żewġ diviżjonijiet. Meta pakkett tas-softwer jinxтарa 'minn fuq l-ixkaffa' (id-diviżjoni 48), dan jitqies bħala forniment u huwa rregolat mir-regoli tal-akkwisti dwar il-fornimenti. L-ipprogrammar ta' softwer jew l-akkwist ta' softwer magħmul apposta (fid-diviżjoni 72) għandu jitqies bħala servizz u huwa rregolat mir-regoli dwar is-servizzi.
4. Il-Vokabolarju Supplimentari issa huwa magħmul minn lista sostanzjali ta' attributi sabiex tgħin lill-utenti jżidu aktar deskrizzjonijiet mal-kodiċi tas-CPV.

4. IL-qafas legali

L-istat legali tas-CPV huwa derivat minn numru ta' testi; il-ħarsa ġenerali t'hawn taħt mhix waħda eżawrenti.

4.1. Sfond

1. Ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Lulju 1996 dwar l-użu tas-CPV sabiex tiġi deskritta l-materja tas-suġġett ta' kuntratti pubbliċi (ĠU L 222, it-3.9.1996, pp.10-12). Din irrakkmandat li l-entitajiet/l-awtoritajiet kontraenti jużaw is-CPV meta jippublikaw l-avviżi tal-kuntratti.
2. Il-Green Paper *L-Akkwisti Pubbliċi fl-Unjoni Ewropea: Punti ta' riflessjoni għall-futur* (COM(96)583 finali tas-27 ta' Novembru 1996), li fiha l-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha sabiex jagħtu parir dwar jekk għandux jiġi adottat is-CVP għall-użu ġenerali. L-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet privati u l-istituzzjonijiet pubbliċi appoġġjaw b'mod ċar il-proposta sabiex jiġi adottat is-CPV, minħabba l-ħtieġa li jiġi ssimplifikat il-proċess ta' kif għandhom jiġu ppubblikati l-avviżi tal-kuntratti.
3. Il-Komunikazzjoni *Il-Kuntratti Pubbliċi fl-Unjoni Ewropea* (COM(98)143 finali tal-11 ta' Marzu 1998), li fiha l-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet pubbliċi biex jużaw is-CPV u l-formoli standard fl-abbozzar ta' avviżi pubbliċi, u sabiex jużaw teknoloġiji ta' komunikazzjoni u informazzjoni ġodda meta jiġu biex jibagħtu l-avviżi.

4.2. L-istat preżenti: il-bażi legali għas-CPV

Il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti (CPV) bħala l-unika sistema ta' klassifikazzjoni użata għall-akkwisti pubbliċi fl-UE. L-ewwel Regolament dwar is-CPV kien

adottat f'Diċembru 2002. Ir-Regolament Nru 2151/2003 għamel obbligatorju l-użu tas-CPV b'seħħ mis-16 ta' Diċembru 2003.

Il-proposta li jinbidlu l-erba' nomenklaturi eżistenti mas-CPV, li tagħmlu l-unika sistema li għandha tintuża fl-UE, kienet tifforma parti minn pakkett ta' miżuri proposti li ġew imfassla sabiex jissimplifikaw u jimmodernizzaw id-Direttivi dwar l-akkwisti pubbliċi (ara [IP/00/461](#)). Id-Direttivi dwar l-akkwisti pubbliċi jirreferu għann-nomenklaturi taħt tliet aspetti: id-deskrizzjoni fl-avviżi tal-materja tas-suġġett ta' kuntratti, l-obbligi statistiċi u d-definizzjoni tal-ambitu tagħhom. Li ssir referenza għas-CPV biss m'għandha l-ebda impatt fuq l-ambitu tad-Direttivi, jew fuq id-distribuzzjoni tal-annessi. Li jintuża s-CPV ukoll jikkontribwixxi wkoll sabiex tiġi ssimplifikata l-implementazzjoni tal-obbligi statistiċi, u b'hekk jitħaffef ix-xogħol tal-awtoritajiet kontraenti u tal-awtoritajiet nazzjonali. Fuq livell internazzjonali, is-CPV jippermetti li d-dejta tiġi mqabbla aħjar ma' nomenklaturi oħra li jintużaw fl-istati firmatarji għall-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern.

Il-proposta għandha l-ġhan li tipprovd bażi legali li tkun speċifika għas-CPV u għall-proċeduri tal-futur sabiex dan jaġi aġġornat. Bħal kull nomenklatura oħra, is-CPV irid isegwi x-xejriet tas-suq sabiex jilħaq ir-rekiżi li qed jevolvu tal-utenti tiegħi (l-awtoritajiet kontraenti, il-fornituri potenzjali u l-intermedjarji tagħhom).

5. L-istruttura tas-CPV

Il-verżjoni preżenti tas-CPV tikkonsisti minn Vokabolarju Ewljeni u minn Vokabolarju Supplimentari, it-tnejn disponibbli fit-22 lingwa uffiċjali tal-UE.

5.1. Il-Vokabolarju Ewljeni

Il-Vokabolarju Ewljeni bħalissa fih madwar 9454 terminu, fejn jelenka oġġetti, xogħlijet u servizzi li jintużaw b'mod komuni fl-akkwisti.

L-istruttura hija ta' kodiċijiet ta' disa' ċifri, b'tal-aħħar tkun iċ-ċifra tal-verifika. L-ewwel żewġ ċifri jkunu fi blokk, sabiex jakkomodaw 99 diviżjoni, u kull wieħed mis-sitt ċifri li jmiss jirrapreżenta livell ta' klassifikazzjoni, sabiex b'hekk ma jkunx hemm aktar minn 9 grupper f'livell partikolari ta' klassifikazzjoni. Iż-żerojet jitpoġġew fl-aħħar tal-kodiċijiet, tħlief għall-ewwel żewġ ċifri, u dawn jindikaw il-livell ta' preċiżjoni tal-kodiċi (aktar ma jkollu żerojet, aktar ikun ġenerali). Fil-fatt, fejn livell ta' klassifikazzjoni partikolari ma jiġix subdiviż aktar, iż-'0' jintuża fil-pożizzjoni għal-livell aktar dettaljat li jmiss.

Il-klassifikazzjoni fid-diviżjoni, il-grupp, il-klassi, il-kategorija u s-subkategorija għadha hemm. L-Anness 1 jelenka d-diviżjonijiet fis-CPV 2008.

Is-CPV għad m'għandux deskrizzjoni strutturata għall-kodiċi. Madankollu, il-kodiċijiet tal-oġġetti fihom partijiet jew kombinazzjonijiet ta' informazzjoni, bħalma huwa l-isem ewljeni tal-prodott u t-tip tiegħu, u xi kultant dettalji oħra,

Pereżempju

03115110-4	Qoton
03117130-4	Pjanti użati għall-iskopijiet tal-inseċċida

Il-kodiċijiet li jikkonċernaw servizzi u xogħliljet fihom l-informazzjoni li ġejja:

- it-tip ta' servizz ipprovdut
- lejn xiex jew lil min is-servizz huwa ipprovdut jew minn min is-servizz huwa ipprovdut,

Pereżempju

45262420-1	Xogħol tal-bini tal-azzar strutturali għall-strutturi
90524100-7	Servizz tal-ġbir tal-iskart kliniku
92312230-2	Servizzi pprovduti minn skulturi

5.2. II-Vokabolarju Supplimentari

II-Vokabolarju Supplimentari l-ġdid tfassal sabiex jgħin lill-partijiet kontraenti biex jiddeskrivu l-materja tas-suġġett tal-kuntratt b'mod komprensiv. Dan jinkludi żewġ ittri (l-ewwel waħda tiddefinixxi t-taqsimi bħall-prodotti, waqt li t-tieni tiddefinixxi l-grupp), żewġ ċifri li jiddefinixxu l-attributi, u ċifra tal-verifika.

It-taqsimiet ewlenin huma ppreżentati f'din il-gwida fl-[Anness 2](#).

6. Is-CPV fil-prattika

6.1. Fejn issibu

L-aktar verżjoni reċenti tas-CPV (CPV 2008) użata għall-pubblikazzjoni ta' avviżi għall-offerti tinsab fuq il-websajt tas-SIMAP fl-indirizz li ġej:

<http://simap.europa.eu/>

Dan huwa disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-Eur-Lex: <http://eur-lex.europa.eu>.

Mill-15 ta' Settembru 2008, il-verżjoni unika tas-CPV li għandha tintuża se tkun skont ir-Regolament Nru 2195/2002, kif emendat bir-Regolament 213/2008.

6.2. Kif tagħżeġ kodiċi

L-entità aġġudikatriċi għandha tiprova ssib, kemm jista' jkun b'mod eżatt, kodiċi li jaqbel għall-ħtiġijiet tagħha. Mingħajr dubju, jista' jintuża **aktar minn kodiċi wieħed** fil-formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi tal-akkwisti pubbliċi (ara l-websajt tal-eNotice). Madankollu, l-ewwel wieħed għandu jtiqies bħala t-titolu. Għalhekk, dan jista' jkun ftit aktar ġenerali (b'aktar żerojet fit-tarf) mill-oħrajn, pereżempju **jekk l-ebda kodiċi eżatt ma jkun adattat**.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li **mill-Vokabolarju Ewlieni** jista' jintgħażel **aktar minn kodiċi wieħed**; minkejja dan, ikun aħjar li ma jintgħażlu aktar minn 20 kodiċi.

Kull kodiċi jista' jkun aktar dettaljat, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-entità, billi jintużaw **diversi kodiċijiet** magħżula minn fost dawk tal-**Vokabolarju Supplimentari**.

Eżempju: Entità li takkwista li tkun interessata tixtri karozza tal-passiġġieri għandha tagħżel il-kodiċijiet li ġejjin sabiex tiddeksrivi l-oġġett tagħha:

34110000-1 Karozzi tal-passiġġieri

MB02-8 Right-hand-drive

CA36-8 Euro 5 (fjuwil)

6.3. Kif fil-prattika tista' ssib il-kodiċijiet

a) Fittex fl-istruttura

Fil-Vokabolarju Ewlieni, agħti ħarsa lejn l-intestaturi tad-diviżjonijiet (ara l-[Anness 1](#)) sabiex iddejjaq it-tifixa tiegħek.

Eżempju: Jekk tkun qed tfittex il-kodiċijiet li jiddeskrivu servizzi ta' taħriġ tekniku, ikun eħfet u tiffranka aktar ħin jekk tfittex direttament fid-diviżjoni 80 Servizzi ta' Edukazzjoni u Taħriġ.

Imbagħad segwi kull livell tal-istruttura tas-CPV sakemm issib l-kodiċijiet li trid.

Eżempju: Jekk qed tfittex diversi apparati speċifiċi tar-raġġi X (bħalma huwa apparat tar-raġġi X dentali, kameras tat-tip gamma u mwejjed tar-raġġi X) tista' tibda fid-Diviżjoni 33 Tagħmir mediku, farmaċewtiċi u prodotti għall-kura personali, imbagħad aġħżel kodiċi minn fost il-gruppi li ġejjin:

33100000-1 Tagħmir mediku

33600000-6 Prodotti farmaċewtiċi

33700000-7	Prodotti għall-kura personali
33900000-9	Tagħmir u provvisti postmortem u għall-kamra mortwarja
Wara li tkun għażilt il-kodiċi 33100000-1, fittex fil-klassijiet:	
33110000-4	Apparat tal-imaini għall-u mediku, dentali u veterinarju
33120000-7	Sistemi ta' rrekordjar u mezzi ta' esplorazzjoni
33130000-0	Strumenti u apparat għall-qasam dentali u subspejalizzazzjonijiet tiegħu
33140000-3	Oħġetti ta' konsum medi
33150000-6	Mezzi għar-radjuterapija, mekkanoterapija, elettroterapija u terapija fiċċika
33160000-9	Teknika tal-operazzjonijiet
33170000-2	Anastesija u risuxxitazzjoni
33180000-5	Sostenn funzjonal
33190000-8	Apparat u prodotti medi varji
Il-klassi li trid tingasam f'kategoriji hija 33110000:	
33110000-4	Apparat tal-imaini għall-u mediku, dentali u veterinarju
33111000-1	Apparat tar-raġġi X
33112000-8	Apparat tal-eku, ultrasoniku u tal-immaini dobler
33113000-5	Apparat tal-immaini permezz tar-reoranza manjetika
33114000-2	Apparati tal-ispektrografija
33115000-9	Apparati tat-tomografija
Imbagħad ikun possibbli li tidħol aktar fid-dettal tal-kategorija 33111000:	
33111000-1	Apparat tar-raġġi X
33111100-2	Imwejjed tar-raġġi X
33111200-3	Postijiet tax-xogol relatati mar-raġġi X
33111300-4	Apparat għall-ipproressar tar-raġġi X
33111400-5	Apparati tal-floroskopija tar-raġġi X

33111500-6	Ra□□i X dentali
33111600-7	Apparati tar-radjografija
33111700-8	Kamra tal-anġjografija
33111800-9	Sistema tar-ra□□i X dijanjonistika
U mbagħad żviluppa din it-tabella, skont il-ħtieġa, fis-subkategoriji li jifdal:	
33111610-0	Unità tar-re□onanza manjetika
33111620-3	Kameras tat-tip gamma
33111640-9	Termografi
33111650-2	Apparati tal-mammografija
33111660-5	Densitometri tal-g□adam

Għalkemm dan il-proċess jista' jidher twil wisq, dan iwasssal għal definizzjoni preċiża ħafna tal-kodiċijiet.

b) Fittex bil-kliem prinċipali

Il-kodiċijiet jistgħu jinstabu wkoll billi tfittex għal kliem prinċipali spċċiku fid-deskrizzjonijiet tal-kodiċi, billi tuża l-għażla ta' filtrazzjoni awtomatika tad-dejta f'dokumenti spreadsheet (Excel jew kwalunkwe softwer ekwivalenti).

Eżempju: Il-fornituri li jkunu interessati f'avviżi li jikkonċernaw ħaxix frisk u pproċessat jistgħu l-ewwel ifittxu għal kodiċijiet li jkollhom il-kelma 'ħaxix'¹. Ir-riżultat ta' din it-tiftixa ikun hekk:

- 03200000-3 □ereali, patata, □axix, frott u □ew□
- 03212000-0 Patata u □xejjex o□rajn imqadda
- 03212200-2 □xejjex legumini mqadda u □xejjex tal-imwie□et
- 03212210-5 □xejjex legumini mqadda
- 03220000-9 □axix, frott u □ew□

- 03221000-6 □xejjex
- 03221100-7 □xejjex tal-g□eruq u tuberi
- 03221110-0 □xejjex tal-g□eruq
- 03221120-3 □xejjex tuberi
- 03221200-8 □xejjex tal-frott
- 03221300-9 □xejjex tal-weraq
- 03221400-0 □xejjex ikkabbu□□jati
- 15300000-1 Frott, □xejjex u prodotti relatati
- 15330000-0 Frott u □xejjex tal-ikel ippro□essati
- 15331000-7 □xejjex ippro□essati
- 15331100-8 □xejjex friski u ffri□ati
- 15331110-1 □xejjex tal-g□eruq ippro□essati
- 15331120-4 □xejjex tuberi ppro□essati
- 15331130-7 Fa□ola, pi□elli, b□ar, tadam u □xejjex o□rajn
- 15331140-0 □xejjex tal-weraq u l-kabo□□i
- 15331170-9 □xejjex iffri□ati
- 15331400-1 □xejjex ippre□ervati u/jew fil-laned
- 15331460-9 □xejjex fil-laned
- 15331480-5 □xejjex provi□jonalment ippre□ervati
- 15331500-2 □xejjex ippre□ervati fil-□all
- 16613000-5 Makkinarju g□at-tindif, l-g□a□la u l-iggradar ta□-□rierag□, qmug□ jew □xejjex imqadda
- 42212000-5 Makkinarju g□all-ippro□esar ta□-□erali u l-□xejjex imqadda

¹ Ir-riżultati tat-tiftixa jirreferu għal tifftixa li saret bl-Ingliż.

Imbagħad ikun possibbli li wieħed idejjaq it-tifixa u jfittex għal aktar dettalji. Il-fornitur ifitdex biss f'linji li jiġu qabel jew wara l-kodiċijiet li jistgħu jkunu relatati man-negozju tagħhom.

Nirrakkomandaw li tfittex ukoll fil-kodiċijiet li jkunu qrib dawk li sibt u tirrepeti t-tifixa billi tuża kliem prinċipali differenti.

Fil-Vokabolarju Supplementari, fittex fit-taqsimiet ewlenin identifikati bl-ittri A sa Z, imbagħad fittex fil-gruppi, u wara fittex għal kodiċi adattat f'dak li huwa relatati direttament mal-oġġett tal-avviż tal-offerta, kull meta jkunu meħtieġa aktar dettalji. Dawn t'hawn taħt huma xi ftit eżempji.

6.4. Eżempji

Eżempju A:

Hemm entità kontraenti li trid tikseb servizz ta' trasport bit-triq għal tagħmir fraġli ta' teknoloġija avvanzata. Dawn huma l-kodiċijiet li jistgħu jkunu ta' interess għaliha:

60000000-8 Servizzi ta' trasport (esklu it-trasport tal-iskart)

60100000-9 Servizzi ta' trasport bit-triq

60110000-6 Servizzi ta' trasport pubbliku bit-triq

60120000-5 Servizzi tat-taxi

[...]

L-entità għandha tfittex fil-kodiċi 60100000-9 'Servizzi ta' trasport bit-triq', għaliex mhemma kodiċi ieħor aktar baxx li jissodisa l-ħtiġijiet partikolari tagħha. Imbagħad, din tista' tagħmel il-kodiċi 60100000-9 aktar preċiż billi tuża kodiċi wieħed jew aktar mill-Vokabolarju Supplementari. F'dan il-każ, dan jista' jkun MB02-8 'Right-hand-drive' jekk l-entità hija Ingliża jew Irlandiżha.

Eżempju B:

Hemm awtorità kontraenti li trid tibni skola tan-nuna u trid tarma parti minnha, b'għamara u provvisti edukattivi oħra għat-tfal. Mingħajr dubju, is-sejħa għall-offerti għandha għan doppju. Minn naħħa waħda, l-entità hija interessata fix-xogħol, u għalhekk din għandha tfittex għal kodiċi adattat billi ssegwi din il-linja:

45000000-7 Xogħol tal-kostruzzjoni

...

45200000-9 Xogħolijiet għall-kostruzzjoni kompluta jew parżjali max-xogħol tal-innherja ċivili

45210000-2 Xogħol tal-kostruzzjoni tal-bini

...

45214000-0 Xogħol tal-kostruzzjoni għal bini relatati ma' l-edukazzjoni u riċerka

45214100-1 Xogħol tal-kostruzzjoni għal bini tal-iskejjel tan-nuna

Mill-banda l-oħra, din trid tiprovd i-l-bini b'ċerti oġġetti u għalhekk għandha ssegwi din il-linja:

39000000-2 Għamara (inklu għamara tal-uffiċċju), aċċessorji, apparat domestiku (minbarra dwal) u prodotti tat-tindif

39100000-3 Għamara

...

39160000-1 Għamara tal-iskejjel

...

39161000-8 Għamara tal-iskola tan-nuna

39162000-5 Apparat edukattiv

L-entità mbagħad għandha tfittex fil-kodiċijiet 45214100-1 Xogħol tal-kostruzzjoni għal bini tal-iskejjel tan-nuna, 39161000-8 Għamara tal-iskola tan-nuna, u 39162000-5 Apparat edukattiv.

Eżempju C:

Hemm entità li qed tfitdex għal kodiċi adattat sabiex tiddeskrivi l-kostruzzjoni ta' laboratorju tal-lingwi li jkun armat kompletament u lest biex jintuża.

Il-kodiċi l-aktar adattat ikun:

45214430-3 Xogħol ta' kostruzzjoni ta' laboratorji tal-lingwi

Sabiex tistabbilixxi definizzjoni aktar ċara tal-oġġett, l-entità żżid kodiċi speċifiku magħżul mill-Vokabolarju Supplimentari billi tfitdex kodiċi adattat fit-taqṣima D: Ġenerali, Amministrazzjoni DA17-2 Proġett turnkey.

Eżempju D:

Hemm entità li hija interessata tixtri magni tal-irrumblar ta' għan ġenerali u l-partijiet għalihom. Sabiex issib l-aktar kodiciċijet adattati, din tista' ssegwi dawn il-linji:

42000000-6 Makkinarju industrijali

...

42900000-5 Makkinarju ta' skop ġenerali u speċjali varji

42930000-4 Ċentrifugi, magni tal-mangu u tal-bejgħ

...

42932000-8 Magni tal-mangu

42932100-9 Magni tal-irrumblar

...

42950000-0 Partijiet ta' magni ta' skop Ġenerali

...

42954000-8 Partijiet tal-magni tal-irrumblar

Jew din tista' sempliċiment tfitdex għal kodiciċijet li jkun fihom il-kelma 'irrumblar' billi tuża l-għażla tal-filtrazzjoni awtomatika tad-dejta fl-Excel.

Imbagħad din tkun tista' tagħżejj minn fost dawn, wara li tkun ivverifikat il-linjal.

Nirrakkmandaw ħafna li tfitdex ukoll fil-kodiċiċijet qrib dawk li tkun sibt diġà.

7. Ir-relazzjoni ma' nomenklaturi oħrajn

Fejn huwa kkonċernat l-ambitu tad-Direttivi, il-Verżjoni Provviżorja tas-CPC u n-nomenklaturi tan-NACE għandhom jieħdu preċedenza jekk ikun hemm xi diverġenza bejniethom u s-CPV. Diversi tabelli ta' korrispondenza utli huma diġà disponibbli fuq il-websajt tas-SIMAP f'format tal-fajls differenti.

7.1. Tabella ta' Korrispondenza CPV 2003 u CPV 2008

Meta kodiċi tas-CPV 2003 partikolari jkollu aktar minn ekwivalent wieħed fis-CPV 2008, l-utent għandu jivverifika liema kodiċi(jet) tas-CPV 2008 huwa/huma disponibbli.

L-utenti tat-tabella ta' korrispondenza bejn is-CPV 2003 u s-CPV 2008 għandhom iżommu f'moħħhom li, għal par partikolari ta' kodiciċijet, it-termini f'kull verżjoni mhux dejjem ikunu identiċi. Għalhekk, il-pari li jidhru f'din it-tabella ta' korrispondenza għandhom jitqiesu bħala indikattivi u mhux definitivi. Fi kliem ieħor, wieħed jista' jqis din it-tabella bħala mezz ta' indikazzjoni dwar liema taqṣima tal-verżjoni tal-2008 tas-CPV tinkludi l-kodiċi(jet) eżatt(i). L-utenti, imbagħad, iridu jivverifikaw dik it-taqṣima, sabiex isibu l-kodiċi(jet) l-aktar adattat(i).

7.2. Tabella ta' Korrispondenza CPV 2008 u CPC (Verżjoni Provviżorja)

Din it-tabella tista' tintuża sabiex tiddetermina l-proċedura li trid tiġi segwita skont id-Direttivi 2004/17 u 2004/18.

L-utenti faċiċċement jistgħu jsibu il-kodiċi tas-CPC li jaqbel mal-kodiċi tas-CPV 2008 li jinteressahom. It-tabella turi wkoll il-kategorija li fiha jaqa' l-kodiċi tas-CPV skont id-Direttiva 2004/18.

Eżempju: Hemm entità li hija interessata tfittex il-kodiċi tas-CPC li jikkorrispondi mas-servizz li ġej fis-CPV:

71354200-6 Servizzi tal-mapep mill-ajru

Din għandha tfittex fil-kolonna tas-CPV għall-kodiċi 71354200 (iċ-ċifra tal-verifika mhix meħtieġa) u ssib li dan jikkorrispondi mal-kodiċi 86754 tas-CPC (id-Direttiva 2004/18, il-kategorija Nru 12).

8. Konklużjonijiet

Is-sitwazzjoni ideali tkun li l-użu tal-kodiċijiet tas-CPV isir mandatorju f'kuntest internazzjonali aktar wiesa' u għall-kuntratti li jkunu taħt il-limiti. Dan ikattar it-trasparenza u jista' jiffaċilita d-dispożizzjoni ta' statistika komprensiva.

Barra minn hekk, is-CPV qatt m'għandu jiġi kkunsidrat bħala finali, għaliex dan jevolvi skont il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-utenti. L-entitajiet għall-akkwist u l-operaturi ekonomiċi jridu jiġu kkonsultati regolarmen dwar is-CPV u jiġu mistiedna kontinwament sabiex jagħmlu proposti lill-Kummissjoni biex din tkompli ttejjeb is-CPV. Dan irid jiġi rivedut kontinwament u żviluppat aktar sabiex jirrifletti b'mod sodisfaċenti l-kumplessitajiet tad-diversi oqsma tas-suq tal-akkwisti pubbliċi.

Anness 1: Id-Diviżjonijiet tas-CPV 2008

03000000-1	Prodotti agrikoli, tal-biedja, tas-sajd, tal-foresti u prodotti relatati
09000000-3	Prodotti taħ-ħnejja (petroleum), fjuwil, elettriku u għejun oħra tal-enerġija
14000000-1	Tħaffir tal-minjieri, metalli baġi u prodotti relatati
15000000-8	Ikel, xorb, tabakk u prodotti relatati
16000000-5	Makkinarju agrikolu
18000000-9	Ilbies, xedd is-saqajn, valiġġerija u aħħarriżi
19000000-6	Drappijiet tal-ħilda u tat-tessuti, plastik u materjali oħra
22000000-0	Materjal stampat u prodotti relatati
24000000-4	Prodotti kimiċċi
30000000-9	Tagħmir tal-uffiċċju u tal-kompiuter, tagħmir u provvisti għażiġ għamara u pakketti tas-softwar
31000000-6	Makkinarju, appart, tagħmir u oħħad etti tal-konsum elettriċċi. Dawl
32000000-3	Tagħmir tar-radju, tat-televiżjoni, tal-komunikazzjoni, tat-telekomunikazzjoni u tagħmir relata
33000000-0	Tagħmir mediku, farmaġġewti u prodotti għall-kura personali
34000000-7	Tagħmir tat-trasport u prodotti aw-iljari għat-tas-transport
35000000-4	Tagħmir għas-sigurtà, tifi tan-nar, pulizija u difiċċa
37000000-8	Strumenti muċċikali, oħħad etti sportivi, logħob, ugarelli, oħħad etti magħmul bl-idejn, materjali għall-arti u aħħarriżi
38000000-5	Tagħmir tal-laboratorju, ottiku u ta' preċċiżjoni (minbarra nuċċalijiet)
39000000-2	Għamara (inklu a għamara tal-uffiċċju), aħħarriżi, apparat domestiku (minbarra dwal) u prodotti tat-tindif
41000000-9	Ilma miċċur u purifikat
42000000-6	Makkinarju industriali
43000000-3	Makkinarju għall-minjieri, il-barrieri u l-kostruzzjoni
44000000-0	Strutturi u materjali tal-kostruzzjoni, prodotti aw-iljarji għall-kostruzzjoni (minbarra apparat elettriku)
45000000-7	Xogħol tal-kostruzzjoni
48000000-8	Pakketti tas-softwar u sistemi ta' informazzjoni
50000000-5	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni

51000000-9	Servizzi ta' stallazzjoni (minbarra softwer).
55000000-0	Servizzi ta' lukandi, ristoranti u bejgħ bl-imnut
60000000-8	Servizzi ta' trasport (esklu it-trasport tal-iskart)
63000000-9	Servizzi ta' appo u trasport aw iljarju; servizzi tal-ażenzijsi tal-ivvja ar
64000000-6	Servizzi tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet
65000000-3	Utilitajiet pubbli
66000000-0	Servizzi finanzjarji u ta' assigurazzjoni
70000000-1	Servizzi ta' bini immoblli
71000000-8	Servizzi ta' perizja, kostruzzjoni, inċinerija u spezzjoni
72000000-5	Servizzi ta' IT: konsulenza, vilupp ta' softwer, Internet u appo
73000000-2	Servizzi ta' riċerka u vilupp u servizzi relatati mal-konsulenza
75000000-6	Servizzi tal-amministrazzjoni, difi a, u sigurtà sojali
76000000-3	Servizzi relatati ma' l-industrija ta -ejt u tal-gass
77000000-0	Servizzi agrikoli, forestali, tal-ortikoltura, tal-akkwakultura u tal-apikultura
79000000-4	Servizzi ta' negozju: Lidi, kummerjalizzazzjoni, konsulenza, rekluta, stampar u sigurtà
80000000-4	Servizzi ta' edukazzjoni u ta'ri
85000000-9	Servizzi dwar sa -a ta' xogol sojali
90000000-7	Servizzi ta' drena, skart, tindif u ambjentali
92000000-1	Servizzi rekreazzjonali, kulturali u sportive
98000000-3	Servizzi o -ra tal-komunità, sojali u personali

Anness 2: Id-Diviżjonijiet Supplimentari tal-Vokabolarju

TaqSIMA A: Materjali

Grupp A: Metall u liegi

Grupp B: Non-Metalli

TaqSIMA B: Sura, forma, imballaġġ u kkundizzjonar

Grupp A: Sura

Grupp B: Forma

Grupp C: Imballaġġ u kkundizzjonar

TaqSIMA C: Materjali/prodotti bi kwalitajiet u mod ta' tħaddim speċjali

Grupp A: Materjali/prodotti bi kwalitajiet speċjali

Grupp B: Mod ta' Tħaddim

TaqSIMA D: Ġenerali, Amministrazzjoni

Grupp A: Attributi ġenerali u ta' amministrazzjoni

TaqSIMA E: Utenti/benefiċjarji

Grupp A: Utenti jew benefiċjarji

TaqSIMA F: Użu li hu mañsub għalih

Grupp A: U -u edukattiv

Grupp B: U -u ta' sikurezza

Grupp C: U -u għall-iskart

Grupp D: Użu staġonali

Grupp E: U -u postali

Grupp F: U -u għat-tindif

Grupp G: U -u fdestinazzjoni o -ra

TaqSIMA G: Skala u qies

Grupp A: Qies u indikazzjoni ta' qawwa

Grupp B: Frekwenza

Grupp C: Indikazzjonijiet oħra

TaqSIMA H: Attributi residwi għall-ikel, ix-xorb u ikliet

Grupp A: Attributi għall-ikel, ix-xorb u ikliet

TaqSIMA I: Attributi residwi għal kostruzzjoni/xogħlilijiet

Grupp A: Attributi għal kostruzzjoni/xogħlilijiet

TaqSIMA J: Attributi residwi għall-komputing, it-teknoloġji tal-informatika jew il-komunikazzjoni

Grupp A: Attributi q-għall-komputing, it-teknoloġji tal-informatika jew il-komunikazzjoni

TaqSIMA K: Attributi residwi għad-distribuzzjoni tal-enerġija u l-ilma

Grupp A: Attributi q-għad-distribuzzjoni tal-enerġija u l-ilma

TaqSIMA L: Attributi residwi mediċi u tal-laboratorju

Grupp A: Attributi mediċi u tal-laboratorju

TaqSIMA M: Attributi residwi q-ħat-trasport

Grupp A: Attributi q-żgħal tip partikolari ta' vetture

Grupp B: Karatteristika tal-vettura

Grupp D: Attributi q-żgħal trasport speċċali

Grupp E: Attributi q-żgħal trasport ta' oħra etti speċċali

Grupp F: Bl-użu ta' vettura

TaqSIMA P: Servizzi ta' kiri

Grupp A: Servizzi ta' kiri

Grupp B: Servizzi ta' ekwipa, sewwieq jew operatur

TaqSIMA Q: Attributi residwi q-ħar-riklamar u servzzi ta' konsulenza legali

Grupp A: Servizzi ta' reklamar

Grupp B: Servizzi ta' konsulenza legali

TaqSIMA R: Attributi residwi għal servizzi ta' riċerka

Grupp A: Riċerka medika

Grupp B: Servizzi ta' riċerka ekonomika

Grupp C: Riċerka teknoloġika

Grupp D: Oqsma ta' riċerka

TaqSIMA S: Attributi residwi għal servizzi finanzjarji

Grupp A: Servizzi bankarji

Grupp B: Servizzi ta' assigurazzjoni

Grupp C: Servizzi ta' pensionijiet

TaqSIMA T: Attributi residwi għal servizzi ta' stampar

Grupp A: Servizzi ta' stampar

TaqSIMA U: Attributi residwi għal servizzi ta' bejgħ bl-imnut

Grupp A: Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' ikej

Grupp B: Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' oħra etti li mhumiex tal-ikel

Anness 3

Glossarju (Malti)

- **CCN:** In-Nomenklatura tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali
- **CPA:** Il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti skont l-Attività
- **CPC:** Il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti (in-nomenklatura tan-Nazzjonijiet Uniti)
- **CPV:** Il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti (mill-1994 'il quddiem)
- **CPV:** Il-Vokabolarju tal-Akkwisti tal-Komunità (1993)
- **UE:** I-Unjoni Ewropea
- **GPA:** Il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern
- **HS:** Sistema Armonizzata
- **ISIC:** Il-Klassifikazzjoni tal-Istandard Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti
- **NACE:** Il-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Attivitajiet Ekonomiċi
- **PRODCOM:** Il-PRODotti tal-KOMunità Ewropea
- **SITC:** Il-Klassifikazzjoni ta' Kummerċ Internazzjonali
- **UNCCS:** Is-Sistema ta' Kodiċi Komuni tan-Nazzjonijiet Uniti

L-akronimi jistgħu jvarjaw skont il-lingwa.